**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 13 ta' Jannar 2016**

**App. Nru. 216/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alessju Barbara**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Alessju Barbara, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 100253(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fil-15 ta' Awwissu 2009 għall-ħabta tas-2.30 p.m. ġewwa l-Gudja kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC589 E. Grima, kif iċċertifika Dr. N. Spiteri M.D. ta' l-Isptar Mater Dei;

(2) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġewwa l-Gudja attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe` PC589 E. Grima u PC1081 J. Farrugia fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita` kompetenti;

(3) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġewwa l-Gudja nġurja u għamel offiża fuq il-persuna ta' PC589 E. Grima, skond ma ċċertifika Dr. N. Spiteri M.D. reg. no. 5148, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(4) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġewwa l-Gudja volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe` għamel ħsara fuq arloġġ għad-dannu ta' PC589 E. Grima, liema ħsara jammonta għal mitejn euro (€200);

(5) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġewwa l-Gudja volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe` għamel ħsara fuq il-balavostri tas-Soċjeta` La Stella, Gudja liema ħsara teċċedi s-somma ta' €116.47;

(6) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġewwa l-Gudja volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alessju Barbara ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u, wara li rat l-artikoli 216(1)(d), 95(1), 96(a), 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, illiberatu taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin mid-data tas-sentenza appellata. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat lill-istess Alessju Barbara jħallas is-somma ta' mitejn u erbgħin euro (€240) lil P.C. 589 Etienne Grima tal-ħsara li għamel fl-arloġġ tiegħu, u jħallas is-somma ta' mitejn u wieħed u għoxrin euro (€221) lill-każin 'La Stella' danni li saru fil-balavostri ta' dan il-fond, liema pagamenti kellhom isiru fi żmien xahrejn mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-16 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet ħtija fl-appellat rigward l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih; u

2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena ta' liberta` kundizzjonata għal tliet snin timponi piena ġusta u idonea skond il-liġi, tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti li jqis wisq miti u mhux idonea għar-reati li dwarhom l-appellat instab ħati. L-Avukat Ġenerali jissottometti:

> "Illi fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta lill-appellat illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin. Dan qed jinghad preliminarjament in vista tan-natura tar-reati li taghhom instab hati l-appellat. Dan ghaliex il-fatt illi l-appellat instab hati talli kkaguna griehi ta' natura gravi diga` hija xi haga serjissima *per se*, imma li tali reat jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku u cioe` l-Kuntistabbli Grima, li huwa fdat bl-infurzar tal-ligi u tal-ordni pubbliku, waqt li dan kien qieghed jaqdi dmirijiet hija haga serjissima.[1]
>
> "Illi tajjeb ta' min jinnota illi r-reat ta' offiza gravi skond l-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa punibbli bi prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin. Illi *"kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna ghandha, bhala regola, iggib maghha piena restrittiva tal-liberta' tal-persuna b'effett immedjat"*.[2] Illi l-esponent jemmen b'konvinzjoni illi din hija l-linja ta' hsieb li kellha tadotta l-Ewwel Onorabbli Qorti u dan l-argument isib sahha f'gurisprudenza ampja. Fl-istess sentenza din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta tkompli billi tghid *"Socjeta` civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-ilment ikun fil-fatt gustifikat) jahbat ihebb jew isawwat lil dak il-haddiehor. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax alternattiva ghal piena karcerarja."*
>
> "Illi bir-rispett dovut lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt li erogat piena daqshekk miti iwassal biex jaghti messagg car lis-socjeta` illi dawn it-tipi ta' reati mhumiex ta' natura serja u bla dubju qed timmitiga l-effett ta' deterrent illi l-piena suppost twassal. L-ewwel Qorti permezz ta' sentenza surriferita qed turi illi ittollerat l-intollerabbli. Dan ghaliex il-pulizija ezekuttiva diga` ghandha xoghol perikoluz immens min-natura tieghu u jekk allura se nhallu individwi bhall-appellat in kwistjoni juza vjolenza kontrihom u kull ma naghmlu incanfruh u nilliberawh b'kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor, dan it-tip ta' agir minbarra li ser ninkoragguh, ser inkomplu naghmlu x-xoghol tal-Pulizija iktar difficli u nsopportabbli. Huwa bizzejjed li dawn in-nies biex jaghmlu xogholhom ikollhom jaffacjaw perikli kbar f'kull mument u ghaldaqstant m'ghandha qatt u bl-ebda mod tigi ttolerata l-uzu ta' vjolenza kontrihom!!! Dan huwa inaccettabli u l-Qorti ghandha tara li dan ma jsehhx u tuza s-sentenzi taghha bhala deterrent effettiv. Infatti fis-sentenza **The Police v. Francesco Nanni** [3]tghid *"The Court not only has to protect civilians but should also afford special protection to police officers*

---

[1] Sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali hekk kif preseduta mill-Prim' Imħallef Emeritus V. DeGaetano fl-imsijiet **Il-Pulizija v. Stephen Mamo**, datata 23.07.2010.

[2] Sentenza mogħtija mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali hekk kif preseduta mill-Prim' Imħallef Emeritus V. DeGaetano fl-imsijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** datata 09.09.2002.

[3] Sentenza mogħtija Qorti ta' l-Appell Kriminali hekk kif preseduta mill-Imħallef David Scicluna, datata 07.03.2012.

*who have their life threatened by violent persons. Such sentences should serve as a deterrent."* Bid-dovut rispett li tillibera lill-hati b'kundizzjoni zgur mhux se tilhaq l-iskop ta' deterrent.

"Illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** il-Qorti tghid is-segwenti *"Il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika. Mill-banda l-ohra, meta l-ligi taghti latitudni wiesgha fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz"*

"Illi tajjeb ta' min jinnota illi minhabba dak li gara f'dan il-kaz partikolari, il-Kuntistabbli Grima spicca bi spalltu dizlokata u dan ghaliex safa aggredit mill-imputat appellat filwaqt li kien qed jaqdi dmirijietu. Illi l-griehi li sofra huma ta' natura gravi per durata. Illi fil-fehma tal-esponent ic-cirkostanzi tal-kaz odjern jirrikjedu piena karcerarja u dan ghaliex l-ebda Qorti m'ghandha *"tittollera agir barbaru bhal dan specjalment meta l-Ufficjali tal-Pulizija kienu qed jaqdu servizz"*.[4]

"Illi allura l-fatt illi l-appellat ghandu fedina penali netta m'ghandhiex tintuza bhala raguni sabiex tinghata piena daqshekk miti ghal reat daqshekk serju. Wara kollox dan osserva l-ligi penali kif huwa obbligat li jaghmel."

**6.** In materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas (jew, f'każ ta' appelli mill-Avukat Ġenerali, aktar gravi) minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[5].

**7.** L-ewwelnett issir referenza għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

**"Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat (li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda) u li ma jkunx reat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin) jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz ma jkunux adatti, l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati għal kollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dak il-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni, skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni. Id-**

---

[4] Sentenza mogħtija mill-Qorti tl-Maġistrati hekk kif preseduta mill-Maġistrat Consuelo-Pilar Scerri Herrera fl-imsijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**.

[5] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**disposizzjonijiet tal-*proviso* li hemm mal-artikolu 7(2) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dan is-subartikolu.”**

**8.** M’hemmx dubju illi l-piena komplessiva għar-reati li tagħhom l-appellat instab ħati, bl-applikazzjoni ta’ l-artikoli 17(b)(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ma teċċedix dik ta’ seba’ snin priġunerija. Jiġifieri meta l-ewwel Qorti, minflok imponiet piena ta’ priġunerija, għażlet li tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 billi lliberat lill-appellat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għall-perijodu massimu ta’ tliet snin, hija ma kinitx qed tapplika xi piena jew provvediment li ma setgħetx tapplika skond il-liġi.

**9.** Din il-Qorti ċertament taqbel mal-ġurisprudenza ċitata mill-Avukat Ġenerali. Iżda bħalma qalet din il-Qorti fis-sentenza **The Police v. Francesco Nanni**[6]: ***“8. It is true that there is a line of judgements which states that violence should lead to an effective prison sentence. However it is also true that the Court must reach its decision on the basis of the circumstances in each and every particular case.”***

**10.** Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża. Jirriżulta illi fil-15 ta’ Awwissu 2009 kien hemm “march” li kellu jgħaddi minn quddiem il-Każin “La Stella” fil-Gudja u, sakemm tgħaddi l-banda tal-każin “Taċ-Ċintura”, il-Pulizija kienet ordnat illi l-bieb tal-Każin “La Stella” jingħalaq. Ġewwa kien hemm madwar sittin ruħ, fosthom l-appellat. Kienet is-sħana. Ħin minnhom il-bieb infetaħ u n-nies bdew ħerġin f’salt, inkluż l-appellat. Dan seħħ qabel ma taw l-awtoriżżazzjoni l-Pulizija. Kien hemm pulizija wieħed – P.C. 1081 Jonathan Farrugia – quddiem il-Każin li pprova jżommhom iżda xi nies mill-Każin qabdu jargumentaw miegħu. L-appellat stess jammetti li qallu xi kliem mhux xieraq. P.C. 589 Etienne Grima ra dak li kien qiegħed jiġri u mar jassisti lil P.C. 1081. P.C. 589 innota lill-appellat u ressqu jew ġibdu minn spallejh. Jidher li dak il-ħin l-appellat imbotta lil P.C. 589 li waqa’ fuq il-balavostri tal-parapett, dawn ċedew u waqgħu t-tnejn għal isfel. Kemm P.C. 589 kif ukoll l-appellat ġarrbu xi ġrieħi, b’dan illi fil-każ ta’ P.C. 589 kellu wkoll l-ispalla x-xellugija żlugata. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellat imbotta lil P.C. 589 bħala reazzjoni għall-mument li P.C. 589 ġibdu. Kien hemm ukoll Victor Calleja, is-segretarju tal-Każin li kważi waqa’ wkoll. Jidher ċar li dan kien każ sfortunat. Ċertament l-appellat ma setax jipprevedi illi f’dawk iċ-ċirkostanzi se jinqalgħu l-balavostri.

**11.** Irid jingħad illi xehed quddiem din il-Qorti l-imsemmi P.C. 589 Etienne Grima li kkonferma illi huwa tħallas mingħand l-appellat dak kollu li kellu jieħu bħala danni. Inoltre m’hemm l-ebda evidenza illi l-appellat huwa xi persuna perikoluża. Difatti jirriżulta mill-fedina penali aġġornata ta’ l-appellat li din għadha waħda netta.

[6] 7 ta’ Marzu 2012.

**12.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li m'hemm l-ebda raġuni impellenti biex hi tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fil-mod kif hija ttrattat ma' l-appellat. Wara kollox l-appellat jaf illi jekk matul it-tliet snin ta' *conditional discharge* huwa jikkommetti reat ieħor, il-Qorti tkun tista' tittratta miegħu mill-ġdid dwar ir-reati li f'dawn il-proċeduri huwa nstab ħati tagħhom.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.